# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 644/01mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mary Rose u Mohammed konjugi**

**Madkour**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u sitta u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm996.47) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-

servizzi telefoniku bin-numru 311485 u 311351 (skond kif jirrizulta mill-annessi ‘statements’ Dok A u B) liema servizz gie nstallat fil-fond 32/1, Triq Sant’Enriku, Sliema, u dana skond ma kif jidher mill-annessi kopji ta’ ftehim markati Dok C u D.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz, ta’ z-zewg ittri interpellatorji datati 16 ta’ Marzu, 2001, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenuta Mary Rose Madkour fejm ammettiet it-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.